# MINUTI

`

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 101/2019

**16 ta' April, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
James Cauchi – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**ASSENTI:**
Ivan Agius – Vici-Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 101.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

101.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsillier Pablo Cachia Belli kien baghat e-mail bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas tieghu mis-Seduta ghal ragunijiet personali. Kien hemm qbil bejn il-kunsiliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cachia Belli kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

### 101.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

101.2.2 Il-minuti ta’ seduta numru 100 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

101.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b’votazzjoni unanima.

101.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 101.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

101.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif kienu gew imwahhla fanali li l-Kunsill Lokali kien ordna ghal numru ta’ toroq fil-lokalita’

101.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien gie ffirmat kuntratt li permezz tieghu grawnds Peppi Delceppo kienu ghaddew f’idejn il-Kunsill Lokali.

101.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejjin it-thejjijiet ghall-progetti ta’ community gardens li l-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem sabiex jimplimenta f’zoni fil-lokalita’.

101.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien tlesta x-xoghol fuq l-ewwel fazi ta’ Triq Alessandra. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kienu qieghdin isiru x-xogholijiet mehtiega bil-ghan illi x-xoghol kollu fi triq Alessandra ikun lest sa’ tmiem April 2019

### 101.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

101.4.1 Ma kienx hemm.

### 101.5 Approvazzjoni ta’ skedi ta’ hlasijiet

101.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ hlasijiet (Skeda nru05/19) ghall-approvazzjoni.

101.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi issekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

101.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda’ ta’ ordnijiet/xiri li kienu nhargu mill-Kunsill Lokali matul ix-xhur ta’ Marzu/April 2019 ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali.

101.5.4 Wara proposta tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondat mill-Kunsilliera Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

101.5.5 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda’ ta’ hlasijiet mill-petty cash li kienu nhargu mill-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta’ Marzu 2019 ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali.

101.5.6 Wara proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mill-Kunsillier James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK C).

## 101.6 Approvazzjoni ta’ Stqarrijiet Finanzjarji 2019 emendati mill-Udituri

101.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-udituri tal-Gvern kien zaru l-Kunsill Lokali u gew ezaminati l-financial statements li kienu gew sottomessi, kienu gew prosposti xi aggustamenti. Is-Sindku stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall l-aggustamenti proposti.

101.6.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega l-aggustamenti u wiegeb ghal mistoqsijiet li sarulu mill-kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sa Noyah Spiteri, b’votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali approva laggustamenti hekk kif proposti

101.6.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-Financial Statements.

101.6.4 Is-Sindku qrat represtation letter minghuta mill-Udituri tal-Gvern Centrali. Wara li kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti dwar il-kontenut tal-istess ittra, s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw id-dokument.

**101.7 Rapporti**

101.7.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill rapport b’ritratti li jienu jindikaw l-istat tal-latrina pubblika li kien hemm fi Triq ix-Xatt u qalet illi fl-opinjoni taghha kien jinhtieg illi l-Kunsil Lokali jiddiskuti l-futur tal-istess latrina pubblika. Wara diskussjoni libera, gie deciz illi l-latrina pubblika kellha tinghalaq temporanjament u l-legislatura segwenti tal-Kunsill Lokali kellha tevalwa l-possibilita’ illi tibda’ tahdem fuq ir-rinovazzjoni. Gie deciz ukoll illi fil-frattemp, f’kaz ta’ xi attivitajiet il-latrina pubblika kellha tigi sostitwita minn *mobile toilets.*

101.7.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b’dokumenti li l-istess Kunsill Lokali kien ircieva minghand applikanti ghall-mili ta’ post vakanti ta’ skrivan fi skala 15. Wara li inghataw id-dettalji dwar il-materja, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-bord

kellu jiltaqa' possibilmen qabel tmiem Mejju 2015 sabiex jaghmel l-intervisti lill-applikanti.

101.7.3 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel wara diskussjoni libera illi kellha tintbaghat ittra lill-arcipriet bil-ghan illi ssir laqgha u jigu diskussi hlasijiet li l-Kunsill Lokali kien intalab b'konnessjoni ma' Jum Bormla 2018.

*F'dan l-istadju is-Sur Roderick Mamo hareg mis-seduta ( 7:00p.m.)*

- Il-Kunsill Lokali qabel mal-modifiki mressqa mill-istreet naming committee rigward numru ta' toroq minghajr isem li kien hemm fil-lokalita'.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi l-iskola primarja San Frangisk kellha tinghata spazju fil-progett ta' *community gardens* li kien ser ikun qieghed jimplimenta l-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jissottometti applikazzjoni bil-ghan illi l-lokalita' tippartecipa fil-progett Ghaqal id-Dar Hajja Ahjar. Kellu jsir kuntatt mal-arcipriet tal-lokalita' bil-ghan illi l-kors jittellgha fic-Centru Sagra Familja li kien jinsab fi Triq wigi Rosato
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru b'konnessjoni mal-attivita' Malta International Wine Festival li kien ser ikun qieghed jittella' matul Gunju 2019 f'Bacir Numru 1.

**101.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

101.11.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-7:30 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum <u>14 ta' Mejju, 2019</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| __________________ | ______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |